MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 1870/1998/1

**“Dingli Co. International Ltd.” bhala agent f’Malta ghan-nom**
**u in rappresentanza tas-socjeta` estera**
**“The Performing Right Society Limited” ta’ Londra Ingilterra.**

**v.**

**Rainbow Productions Limited u b’digriet tal-21 ta’ Marzu 2000**
**l-isem tas-socjeta` konvenuta gie sostitwit ghal**
**One Productions Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mis-socjeta` attrici fit-23 ta’ Settembru, 1998, li jaqra hekk:
“Illi s-socjeta` konvenuta, permezz ta’ l-istazzjoni tar-radju taghha li jgib l-isem “Super One Radio”, liema stazzjon jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza lilu allokata 92.7 Mkz FM, xandret jew gieghlet lil hadd iehor ixandar f’Malta sa mill-31 ta’ Ottubru 1994, u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lil haddiehor ixandar f’Malta diversi xogholijiet muzikali tutelati ossia “copyright” u debitament ikkontrollati mis-socjeta` attrici a rigward ta’ liema xoghlolijiet is-socjeta` attrici tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f’Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi.

“Illi ghal fuq imsemmi xandir is-socjeta` konvenuta ma kienitx applikat ghal, u wisq anqas ottjeniet, il-licenza rellativa minghand is-socjeta` attrici skond kif kien mehtieg a tenur tal-disposizzjonijiet tal-Artikolu 13(1) tal-Att Dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta).

“Illi peress ill b’hekk is-socjeta` konvenuta giet li ttrasgrediet u ghadha qieghda tittrasgredixxi d-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici.

“Illi b’konswenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiit fis-socjeta` attrici l-istess socjeta` attrici soffriet danni konsiderevoli, senjatament in-nuqqas ta’ hlas tar-“Royalites” lilha dovuti skond it-tariffi taghha vigenti filwaqt il-periodu kollu tat-trasgressjoni.

“Illi nonostante illi s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi anke gudizzjrajament, sabiex tottempora ruha mal-ligi billi tapplika ghal u tottjieni l-hrug tal-licenza relattiva l-istess socjeta` konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti.

“Ghalhekk l-atturi talbu li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

“1. m’ghandhux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi s-socjeta` konvenuta ttrasgrediet id-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici billi sa mill-31 ta’ Ottubru 1994 u permezz ta’ l-istazzjoni tar-radju taghha li jgib l-isem “Super One Radio”, liema stazzjon tar-radju jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza ta’ 92.7 Mhz FM, xandret jew gieghlet lill hadd iehor ixandar f’Malta u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lill hadd iehor jxandar f’Malta, dawk l-istess xogholjiet muzikali – a rigward ta’ liema xogholijiet is-socjeta` attrici tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f’Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi;

“2. m’ghandhiex dina l-Qorti tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici;

“3. m’ghandhiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata minn dina l-Qorti sabiex thallas lis-socjeta` attrici dik is-somma li tigi hekk likwidatat in linea ta’ danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta` konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici ;u

“4. m’ghandhiex is-socjeta` konvenuta tigi inibita milli ixxandar jew iggieghel lill-hadd iehor ixandar dawk ix-xogholijiet kollha tutelati ossia ‘Copyright’ u kkontrollati mis-socjeta` attrici u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet l-hrug tal-licenzja rellattiva minghand is-socjeta` attrici, u dana a bazi u ghall-finijiet tad-dispozizjonijet tal-Att Dwar Id-Drittijiet ta’ l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta) taht il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta’ disprezz lejn l-awtorita’ ta’ Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li jigi moghti fuq dina l-domanda.

“B-ispejjes kontra is-socjeta` konvenuta li giet ingjunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Fl-ewwel lok il-lis alibi pendens, billi l-istess talbiet attrici diga’ jinsabu dedotti mill-istess socjeta` attrici kontra

l-istess konvenuta fil-kawza fl-ismijiet “l-Avukat Kevin. F. Dingli noe Jimmy Magro et noe (Citaz. Nru. 1489/94 AJM) li tinsab pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili;

“2. Preliminarjament ukoll, is-socjeta` attrici ghandha tipprova li l-persuna li ffirmat il-prokura rilaxxjata mill-Performing Rights Society Limited a favur tas-Societa Dingli Co. International Ltd. (Dok.A) hi fil-fatt il-persuna guridikament idoneja skond l-istaut tal-istess Performing Rights Society Limited, biex fil-fatt taghti tali mandate u fin-nuqqas l-eccepjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

“3. Preliminarjament ukoll s-socjeta` attrici nonime ghandha tindika dettaljatament liema xogholijiet qed tallega li tgwadi d-dritt esklussiv ghall-kontroll f’Malta’ u li xxandru mis-socjeta` eccepjenti;

“4. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nonfati fil-fatt u fid-driit u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Ottubru, 1999, li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

Rat li sussegwentement l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar il-kwistjoni tar-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tal-attur;

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru, 2008, li in forza taghha ddecidiet:
“… … … billi tilqa’ l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li s-socjeta konvenuta ttrasgrediet id-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta attrici billi sa mill-31 ta’ Ottubru 1994 u permezz ta’ l-istazzjoni tar-radju taghha li jgib l-isem “Super One Radio”, liema stazzjon tar-radju jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza ta’ 92.7 Mhz FM, xandret jew gieghlet lill hadd iehor ixandar f’Malta u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lill hadd iehor jxandar f’Malta, dawk l-istess xogholjiet muzikali li

ghar-rigward taghhom is-socjeta attrici tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f'Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi;

"Tiddiferixxi il-kawza ghal-provi kollha tal-partijiet dwar ir-rimanenti kwestjonijiet ghas-seduta tal-10 ta' Novembru 2008 fid-9.00am;

"Spejjez riservati ghal gudizzju finali."

Dik il-Qorti tat din is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Din il-kawza qed issir mis-socjeta' estera "The Performing Right Society Limited" tramite l-agenti tagha hawn Malta kontra s-socjeta' lokali "One Productions Limited";

"Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li s-socjeta konvenuta, tramite l-istazzjoni tar-radju taghha ("Super One Radio") xandret fit-teritotju malti, mill-31 ta' Ottubru 1994 u ghadha qed ixxandar, diversi xogholijiet muzikali tutelati mill-"copyright" u liema xogholijiet ghalhekk huma kontrollati mis-socjeta attrici, li tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f'Malta ta' tali xandir u dan skond il-ligi. Tkompli tippremetti li ghar-rigward tal-imsemmi xandir is-socjeta konvenuta m'ghandix il-licenza relattiva minghand is-socjeta attrici skond kif hu mehtieg bl-artikolu 13(1) tal-Att Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta). Minhabba dan l-agir, irregolari u illegali da parti tas-socjeta konvenuta, is-socjeta attrici soffriet danni konsiderevoli, konsistenti f'nuqqas ta' hlas ta' "royalites" dovuti lilha skond it-tariffi taghha vigenti;

"Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi ddikjarat li s-socjeta konvenuta ttrasgrediet id-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta attrici u dan ghal periodu imsemmi. Qed titlob ukoll li jigu likwidati d-danni relattivi sofferti mis-socjeta attrici u li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas id-danni hekk likwidati. Finalment is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi inibita milli tkompli xxandar dawk ix-xogholijiet li huma tutelati u kontrollati mis-socjeta attrici u dana sakemm is-socjeta' konvenuta ma tottjenix il-licenza relattiva;

“Is-socjeta konvenuta eccepit preliminarjament il-lis alibi pendens, billi l-istess talbiet attrici diga’ jinsabu dedotti mill-istess socjeta attrici kontra l-istess socjeta konvenuta f’kawza ohra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Din l-eccezzjoni giet michuda bl-imsemmija sentenza ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-12 ta’ Ottubru 1999;

“Is-socjeta konvenuta kompliet teccepixxi preliminarjament ukoll, li ghandha ssir il-prova li l-prokura esibita giet effettivament iffirmata minn persuna guridikament abilitata biex tiffirma u li s-socjeta attrici ghandha tindika liema xogholijiet hi tallega li ghar-rigward taghhom tgwadi d-dritt esklussiv ta kontroll f’Malta’ u li xxandru mis-socjeta’ konvenuta;

“Stranament is-socjeta konvenuta dwar il-meritu eccepit semplicement li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-driit u ma specifikatx kif u ghaliex it-talbiet tal-atturi huma infondati. Il-Qorti pero’ hi obbligata li tesamina din l-eccezzjoni anke in vista ta’ dak li qalu x-xhieda prodotti mill-istess socjeta’ konvenuta;

“Bil-presenti sentenza, kif gia gie rilevat, qed tigi deciza biss il-kwestjoni tar- resposabilta’ tas-socjeta konvenuta ghad-danni peress, kif qed tallega s-socjeta attrici, l-istess socjeta konvenuta, minghajr ma kienet ottjeniet id-debita licenza, permezz tal-istazzjon tar-radju taghha, xandret musika, li kienet koperta jew tutelata ghar-rigward tad-drittijiet tal-awtur u liema drirrijiet huma gestiti mis-socjeta’ attrici. Ir-rimanenti zewg eccezzjonijiet preliminari u l-likwidazzjoni tad-danni relattivi, kif ukoll l-ahhar talba tas-socjeta attrici jigu decizi, jekk ikun il-kaz, fi stadju ulterjuri;

“Mill-provi kollha prodotti mis-socjeta attrici (b’mod parikolari mid-deposizzjonijiet tal-“administration manager” ’tas-socjeta lokali li tirrappresenta is-socjeta estera attrici u tal-konsulent legali barrani tal-istess socjeta attrici) jirrizulta li l-istess socjeta attrici tamministra, fl-interess tal-hafna membri taghha, d-drittijiet tal-awtur u dan jinkludi l-kontroll tax-xandir, permezz ta’

stazzjonijiet tar-radju, tal-istess xogholijiet muzikali. Dawn id-drittijiet huma komunement mgharufa bhala ‘the performing rights.’ Hawn Malta is-socjeta’ estera nnominat agenti taghha kif ghamlet f’diversi pajjizi ohra u hawn Malta ukoll id-drittijiet tal-awtur huma tutelati bil-provedimenti tal-Kapitolu 196 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe’ l-Att dwar id-Drittijiet tal-awtur – Copyright Act 2000;

“Il-membri tas-socjeta attrici huma dawk il-produtturi, kompozituri u awturi u l-werrieta taghhom, li direttament accettaw li jkunu membri, kif ukoll dawk li huma imsiehba f’socjetajiet, simili ghas-socjeta attrici, f’pajjizi ohra u liema socjetajiet huma affiljati mal-istess socjeta attrici. Generalment lill-dawk kollha li jxandru, bi kwalunkwe mod, musika, s-socjeta attrici tirrilaxxja licenzja generali li tawtorizza x-xandir tal-komposizzjonijiet musikali tal-membri kollha taghha. Hu ovvju li mhux l-awturi tad-dinja kollha huma membri tas-socjeta attrici pero’ l-parti l-kbira taghhom huma membri u in effett hemm diversi kompposituri lokali li ukoll huma membri tas-socjeta attrici. Inoltre l-licenzji ma jigux rilaxxati ghar-rigward ta’ xoghol musikali wiehed izda tali licenzji jkopru x-xoghilijiet kollha fir-“repertorju” tas-socjeta’ attrici;

“Dan kollu ghandu jigi meqjus bhala pruvat peress li bl-ebda mod dawn il-fatti ma gew kontestati mis-socjeta konvenuta. Effettivament id-drittijiet tal-awtur huma regolati u tutelati hawn Malta permezz tal-imsemmi Kapitolu 196 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Inoltre s-socjeta attrici tallega li s-socjeta konvenuta xandret, permezz tal-istazzjoni tar-radju taghha xogholijiet muzikali gestiti u tutelati mis-socjeta attrici. Is-socjeta knvenuta qatt ma ottjeniet l-imsemmija licenzja necessarja biex jigu mxandra tali xogholijiet muzikali. Inoltre s-socjeta attrici elenkat dawk ix-xoghilijiet, li, fil-periodu in kwestjoni, xxandru minn fuq ir-radju tal-konvenuti. Skond is-socjeta attrici n-nuqqaqs da parti tal-konvenuti li jhallsu l-imsemmija “royalties” jikkostiwixxi d-danni reklamati mill-istess socjeta attrici;

“Is-socjeta konvenuta, permezz tal-provi minnha prodotti, bl-ebda mod ma kkontestat l-imsemmija lista ta’ xogholijiet musikali li giet esbita mis-socjeta’ attrici. Ix-xhieda prodotti mis-socjeta’ konvenuta (il-“Group Head Productions” taghha u l-ex chairman taghha) illimitaw ruhhom li jikkonfermaw li l-istazzjon tar-radju in kwestjoni mhux wiehed tal-musika u l-maggior parti tal-programmi mxandra huma l-ahbarijiet, programmi ta’ diskussjoni u sports. Huma pero’ ammettew li hemm programmi li fihom tindaqq il-muzika u cioe’ diski kemm lokali kif ukoll barranin. Dawn il-programmi huma dawk li generalment jigu trasmessi fil-faxxa ta’ bejn it-8.00 pm sa l-ghada filghodu;

“Huma komplew jispecifikaw li l-imsemmija diski u Cds generalment jigu mghotija lilhom mill-produtturi taghhom sabiex jixxandru u b’hekk jkunu qed jigu reklamizzati. Ghar-rigward ta’ dawn is-socjeta konvenuta ma thossx li ghandha thallas id-drittijiet tal-awtur meta huma l-istess awturi jew produtturi li jghatu d-diski b’xejn biex jindaqqu bhala reklam ghall-komposizzjoni musikali in kwestjoni. Inoltre, skond l-istess xhieda, l-imsemmija programmi fejn tindaqq il-musika ma jhallux profit. In effett l-istazzjoni tar-radju in kwestjoni hu proprjeta' ta' partit politiku, u ghalhekk l-interess huwa li jitwassal il-messagg tal-partit. Inoltre d-dhul principali huwa mir-reklami;

“Jigi rilevat li gie ammess mix-xhieda prodotti mis-socjeta konvenuta li in effett tixxandar musika minn fuq l-istazzjoni in kwestjoni. Il-fatt, li m’hemmx profitt mill-programmi fejn tixxandar musika, mhux rilevanti ghal-finijiet ta’ dawn il-proceduri u lanqas ma hu rilevanti l-fatt li d-dhul principali ghall-istazzjon in kwestjoni jigi mir-reklami. Inoltre, skond il-ligi, hi r-responsabilita’ tal-istazzjon, li qabel ma tixxandar kwalunkwe tip ta’ musika, inkluz dawk id-diski jew CDs li jigu mghotija b’xejn, jassigura li l-“performing rights” jkunu gew tutelati u li jkunu koperti minn licenzja li tghati l-fakolta’ li l-istess musika tigi mxandra;

“In vista ta’ dak kollu li gie premess l-ewwel talba tas-socjeta attrici tirrizulta sufficjentement pruvata u ghalhekk timmerita li tigi akkolta;

“Ghal dawn il-motivi:”

Rat is-sentenza finali li tat l-istess Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Lulju, 2010, li in forza taghha ddecidiet
“… … … billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u fit-tieni lok billi tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici bhala konsegwenza tat-trasgressjoni da parti tas-socjeta konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta attrici fis-somma ta’ hamsin elf disa mija u sittin euro (€50960).u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas din is-somma lis-socjeta’ attrici. Tinibixxi s-socjeta konvenuta milli ixxandar jew iggieghel lill-hadd iehor ixandar dawk ix-xogholijiet kollha tutelati ossia ‘copyright’ u kkontrollati mis-socjeta attrici u dana sakemm ma tottjeniex il-licenzja rellattiva minghand is-socjeta attrici, u dan a bazi u ghall-finijiet tad-dispozizjonijet tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta) taht il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta’ disprezz lejn l-awtorita’ ta’ Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni ta’ din l-ordni.

“Spejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta.”

Dik il-Qorti tat din l-ahhar sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsidrazzjonijiet
“L-ewwel talba giet deciza billi l-istess talba giet akkolta u kwindi jonqos li jigu decizi t-talbiet l-ohra u cioe’ li jigu likwidati d-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza tal-agir tas-socjeta` konvenuta kif deskritt fic-citazzjoni u fl-imsemmija sentenza tat-3 ta’ Ottuibru 2008 u konsegwentement li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas id-danni hekk likwidati. Qed jintalab ukoll li s-socjeta` konvenuta tigi inibita milli ixxandar jew iggieghel lill-hadd iehor ixandar dawk ix-xogholijiet kollha tutelati u kkontrollati mis-socjeta` attrici sakhemm is-socjeta` konvenuta ma tkunx ottjeniet il-licenzja rellattiva minghand is-socjeta` attrici.

“L-eccezzjonijiet tal-konvenuti li ghad iridu jigu decizi huma dik tal-“lis alibi pendens” b’referenza ghall-kawza ohra pendenti li tittratta dwar l-istess talbiet kif kontenti fil-

presenti citazzjoni u cioe' l-kawza l-ohra fl-ismijiet "l-Avukat Kevin. F. Dingli nomine vs Jimmy Magro et nomine" (Citaz. numru 1489/94 AJM). Qed jigi eccepit ukoll li trid issir il-prova li minn iffirma l-prokura a favur tas-socjeta` attrici hu l-persuna guridikament idonea u illi inoltre s-socjeta` attrici ghanda tindika dettaljatament fuq liema xogholijiet allegatament is-socjeta` attrici tgawdi fuqhom il-kontroll u li xxandru mis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta ssottomettiet eccezzjonijiet fil-mertu, liema eccezzjonijiet gew in parte decizi bis-sentena tat-3 ta' Ottubru 2008.

"Giet esibita vera kopja tal-prokura rilaxxata favur is-socjeta` attrici in konnessjoni mat-tehid ta dawn il-proceduri (Dok.A). Mill-affidavit ta Nicholas Kounoupias (fol.105) jirrizulta li s-socjeta` lokali "Dingli Co. International Limited" hi l-agent f'Malta tas-socjeta` estera "The Performing Right Societry Limited" u li s-socjeta` lokali ghandha r-rappresentanza tal-kumpanija estera (Para.5 tal-affidavit - fol.106). Ma jirrizulta xejn irregolari fl-imsemmija prokura (Dok.A) li hi ffirmata minn zewg diretturi kif ukoll mis-segratarju tal-kumpanija estera. L-imsemmi xhud Nicholas Kounoupias hu in effett il-konsulent legali tas-socjeta` estera u minn imkien ma jirrizulta li l-istess socjeta` estera, li taf b'dawn il-proceduri, ttantat twaqqa l-prokura in kwestjoni. Konsegwentement l-eccezjjoni tal-konvenuti dwar ir-regolarirta' tal-prokura timmerita li tigi rigettata. Ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-"lis alibi pendens" hawnhekk ukoll is-socjeta` konvenuta naqset li tipproduci provi u kwindi din l-eccezzjoni m'ghandiex tigi akkolta. Is-socjeta` attrici pero' esibit kopja tac-citazzjoni l-ohra indikata fl-eccezzjoni relattiva tas-socjeta` konvenuta. Minn din il-kopja jirrizulta li x-xogholijiet muskali li ghar-rigward taghhom is-socjeta` attrici qed tagixxi bil-presenti proceduri huma ghal kollox differenti minn-dawk ix-xogholijiet li huma l-meritu tal-proceduri l-ohra. Konsegwentement anke din l-eccezzjoni ghandha tigi rigettata.

"Mill-provi prodotti, mis-socjeta` attrici, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta tramite l-istazzjon tar-radju taghha xandret xogholijiet musikali li huma effettivament indikati

fl-imsemmi affidavit (fol.105) tax-xhud Nicholas Kounoupias. F'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li ntqal fl-imsemmija sentenza tat-3 ta' Ottobru 2008 u cioe':-

*"Inoltre s-socjeta` attrici elenkat dawk ix-xogholijiet li, fil-periodu in kwestjoni, xxandru minn fuq ir-radju tal-konvenuti. Skond is-socjeta` attrici n-nuqqas da parti tal-konvenuti li jhallsu l-imsemmija jikkostitwixxu d-danni li qed jigu reklamati mill-istess socjeta` attrici."*

*"is-socjeta` konvenuta, permezz tal-provi minnha prodotti, bl-ebda mod ma kkontestat l-imsemmija lista ta' xogholijiet li giet esibita mis-socjeta` attrici."*

"Ghalhekk jirrizulta li s-socjeta` attrici elenkat dettaljatament ix-xogholijiet li l-istess socjeta` attrici tgawdi fuqhom il-kontroll u d-dritt tal-awtur u li xxandru mis-socjeta` konvenuta fuq ir-radju taghha fil-periodu in kwestjoni.

"Is-socjeta` attrici, fin-nota taghha tal-4 ta' Frar 2009 (fol.320), issottomettiet li d-danni minnha pretizi ghas-snin in kwestjoni u cioe' mill-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Dicembru 1998 jammontaw wiehed u ghoxrin elf tmien mija u seba u sebghin liri maltin (Lm21877) ekwivalenti ghal hamsin elf disa mija u sittin euro (€50960).

"Dawn l-ammonti jirrizultaw gustifikati stante li huma ibbazati fuq it-tariffa li hi applikabbli (Dok.C) ghall-kaz in esami u liema tariffa giet ukoll approvata mill-Awtorita' kompetenti. Inoltre l-ammont li gie applikat mis-socjeta` attrici ghar-rigward tas-sena finanzarja 1995 hu gustifikat u dana tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz li jirrizultaw f'dan ir-rigward. Gustament gie applikat skont ta' 15% fil-mija fuq il-Gross Broadcasting Revenue, liema skont jirrifletti xi ammonti li setghu thallsu mis-socjeta` konvenuta lill-agenziji tar-reklamar."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … tirrevoka u thassar is-sentenza in parte fl-ismijiet premessi moghtija mill-prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2008, u s-sentenza finali fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 2010, u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti u konsegwentement tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tikkkonferma s-sentenzi kollha appellati fl-interita` taghhom, u b'hekk tichad l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta appellanti fl-ispejjez ta' kull istanza kontra taghha."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

F'din il-kawza s-socjeta` estera The Performing Right Society Ltd., tramite l-agenti taghha hawn Malta, qed tipprocedi kontra l-kumpanija One Productions Ltd. talli din permezz tal-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem "Super One Radio", liema stazzjon jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq frekwenza lilha allokata 92.7 Mkz FM, xandret xoghlijiet muzikali tutelati minghajr ma ottjeniet il-permess mehtieg bl-Artikolu 13 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (kap. 196 tal-Ligijiet ta' Malta, issa mhassar, u sostitwit b'ligi ohra, bl-att XIII tas-sena 2000). L-ewwel Qorti ddecidiet il-materja f'zewg sentenzi, u wara li stabbiliet li s-socjeta` lokali verament tirrapprezenta lil dik estera, u li l-istazzjon tas-socjeta` konvenuta jittrasmetti xoghol muzikali minghajr il-licenzja mehtiega, sabet lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghal dan il-ksur u ghall-hlas ta' danni li gew likwidati fis-somma ta' €50,960.

Kif inghad, is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenzi bl-aggravji li s-socjeta` attrici naqset li turi li min ghamlilha l-

prokura kellu l-mandat mehtieg biex jaghmel dan; naqset ukoll li tipprova skont il-ligi l-pretensjonijiet taghha, u f'kull kaz l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti huwa eccessiv.

Din il-kawza hija bazata fuq dak li kien jipprovdi l-Kap. 196 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment l-Artikolu 13 ta' din il-ligi. Il-kawza tirrigwarda ksur ta' dan l-Artikolu fil-perjodu bejn Jannar u Novembru, 1998, u l-kawza nfethet ukoll fl-1998, f'kull kaz, meta l-ligi kienet ghadha in vigore. Il-fatt li fl-2000 dik il-ligi giet revokata, ma jtellifx id-dritt tat-titular tad-drittijiet tal-awtur li jkompli bi procedura li inbniet bis-sahha ta' ligi ghall-allegat ksur tal-istess ligi. Fin-nuqqas ta' legislazzjoni appozita u esplicita, kawza li bdiet taht ir-regim ta' ligi partikolari, tista' tkompli tinstema' anke wara t-thassir ta' dik il-ligi, bid-dewmien biex tigi deciza l-kawza ma jkunx ta' pregudizzju ghall-interess tal-istess partijiet fil-kawza. F'dan is-sens jipprovdi wkoll l-Artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta) li jippermetti t-tkomplija ta' kull stharrig jew procedimenti legali li jkunu bdew taht ligi li wara tigi mhassra.

Qed jigi issa riprodott l-Artikolu 13(1) sa (4) tal-imsemmi Kap. 196, li fuqu tibbaza l-azzjoni s-socjeta` attrici:
"**13.** (1) Id-drittijiet tal-awtur jigu miksura minn kull persuna li taghmel jew iggieghel lil haddiehor li jaghmel, minghajr licenza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet, att li l-eghmil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet tal-awtur.

"(2) Id-drittijiet tal-awtur jigu miksura wkoll minn kull persuna li, minghajr il-licenza tal-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur, timporta f'Malta, jekk mhux ghall-uzu taghha personali jew domestiku, jew tiddistribwixxi f'Malta b'negozju, kiri jew mod iehor, jew b'negozju tesibixxi fil-pubbliku, xi artikolu li dwaru jigu miksura d-drittijiet tal-awtur skont l-ahhar subartikolu qabel dan.

"(3) Meta xi hadd jikser d-drittijiet tal-awtur fuq xi xoghol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet tal-awtur, jigi kkundannat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghall-hlas tad-danni jew ghall-hlas ta' penali ta' mhux anqas minn ghaxar liri u mhux aktar minn hames mitt lira kif dik il-Qorti, wara li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-kaz,

jidhrilha xieraq, u ghar-restituzzjoni tal-qliegh kollu li jkun sar mill-ksur tad-drittijiet tal-awtur:

“Izda meta l-konvenut jipprova ghas-sodisfazzjon tal-qorti li fiz-zmien tal-ksur ma kienx jaf u ma setax ikun ragonevolment mistenni li jkun jaf li kienu jezistu drittijiet tal-awtur fuq ix-xoghol li ghalih l-azzjoni tirriferixxi, il-qorti ma ghandhiex tikkundannah ghar-restituzzjoni tal-qligh.

“(4) Il-qorti tista’, barra minn dan, f’kawza istitwita skont l-ahhar subartikolu qabel dan, fuq rikors tal-attur, tordna li l-artikoli kollha li jiksru d-drittijiet tieghu li jkunu ghadhom fil-pussess tal-konvenut jigu konsenjati lill-attur.”

Ix-xoghol muzikali huwa wiehed mix-xoghlijiet li l-ligi taghraf bhala li jisthoqqlu l-ghoti dwaru ta’ dritt tal-awtur. Id-dritt tal-awtur dwar xoghol muzikali jikkonsisti fil-jeddijiet esklussivi ghall-kontroll f’Malta ta’ ghadd ta’ eghmejjel imsemmija fil-ligi nfisha marbuta mar-riproduzzjoni f’xi ghamla materjali, il-komunikazzjoni lill-pubbliku, u x-xandir jew xandir mill-gdid posterjuri tax-xoghol kollu jew f’bicca sostanzjali minnu, kemm jekk fis-sura originali tieghu u kif ukoll f’sura ohra li tingharaf li tkun ittiehdet mix-xoghol originali. Il-ligi tipprovdi eccezzjonijiet specifici fejn it-trasmissjoni jew pubblikazzjoni ta’ xoghol bhal dak ma jitqiesx li jkun sar bi ksur tad-dritt tal-awtur. Il-ligi tahseb ukoll ghad-drittijiet tal-awtur fuq registrazzjonijiet ta’ smiegh u xandiriet, u taghtihom tista’ tghid l-istess harsien li taghti lix-xoghlijiet originali nfushom;

L-azzjoni mressqa mill-attur nomine hija dik li tallega li sehh ksur min-naha tal-kumpannija konvenuta ghaliex ghamlet jew halliet lil min jaghmel ghemil kontrollat minn dritt tal-awtur minghajr licenza tal-proprjetarju. L-ghoti tal-licenza huwa t-timbru li jikkonferma l-kontroll moghti mil-ligi lis-sid tal-jedd tal-awtur. F’kaz bhal dan, is-sid tad-dritt tal-awtur ghandu l-ghazla li jressaq azzjoni jew ghad-danni jew ghall-hlas ta’ penali ghal ksur bhal dan. Fil-kaz tal-lum, l-attur nomine ghamel l-ewwel ghazla. Il-ligi trid ukoll li, fejn jinsab ksur bhal dan, il-parti mharrka trodd lura wkoll il-qliegh li tkun kisbet mill-ksur tad-dritt tal-awtur: izda dan ir-radd lura ma jsirx jekk kemm-il darba l-parti

mharrka jsehhilha turi li ma kinitx taf jew ragonevolment tkun taf li kienu jezistu drittijiet tal-awtur dwar ix-xoghol li dwaru ssir l-azzjoni.

Fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti, li se jigu ttrattati flimkien, jirrizulta mill-provi illi s-socjeta` estera tamministra, fl-interess tal-hafna membri taghha, id-drittijiet tal-awtur fuq xoghol muzikali, u dan biex tassigura li min ikun wettaq hidma u “holoq” bicca xoghol muzikali igawdi mill-kummercjalizmu li jsir mill-prodott tieghu, b’mod li min ixandar dawn l-opri ghall-pubbliku ikun irid jakkwista licenzja versu korrispettiv. Kull min igawdi drittijiet ta’ “copyright” fuq prodott tieghu, ghandu dritt ta’ proprjeta` intelletwali li ma ghandhiex tigi sfruttata jekk mhux bil-permess tal-istess proprjetarju. F’dan il-kaz, diversi awturi u kompozituri nghaqdu f’socjeta` u awtorizzaw lill-istess socjeta` sabiex f’isimhom tiehu hsieb il-kontroll tal-uzu li jsir minn xogholhom, u biex taqdi l-inkarigu lilha moghti, din is-socjeta` tahtar agenti f’kull pajjiz biex tkun fl-ahjar pozizzjoni li tikkontrolla x-xandir ghall-pubbliku tax-xoghlijiet tal-membri taghha.

Fil-kaz ta’ Malta, l-agent hija s-socjeta` attrici u din hija primarjament inkarigata tikkontrolla x-xandir ghall-pubbliku tad-diski kontenenti xoghol tal-membri tas-socjeta` estera. Bis-sahha tal-Avviz Legali 1 tal-1970, li kienu jissejjhu r-Regolamenti tal-1970 dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Konvenzjonijiet Internazzjonali), li bdew fis-sehh b’effett mit-2 ta’ Jannar 1970, l-effetti tal-ligi principali gew estizi ghal diversi pajjizi, fosthom ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika, minn fejn joriginaw il-maggor parti tad-diski li jindaqqu fuq radios lokali. F’dan il-kaz jirrizulta li l-istazzjon tar-radju tas-socjeta` konvenuta xandret fiz-zmien in kwistjoni ghas-smiegh tal-pubbliku xoghlijiet muzikali gestiti u tutelati mis-socjeta` attrici, tant li gietipprezentata lista ta’ xoghlijiet li, fil-perjodu meritu ta’ din il-kawza, xxandru minn fuq ir-radju tas-socjeta` konvenuta. Jirrizulta wkoll li s-socjeta` konvenuta qatt ma talbet jew inghatat il-licenzja mehtiega biex tkun tista’ xxandar dawk ix-xoghlijiet muzikali. Ma hemmx ghalfejn li s-socjeta` attrici tgharraf lis-socjeta` konvenuta liema xoghlijiet hi titutela, ghax il-ligi hi cara, u kien obbligu tas-socjeta`

konvenuta tivverifika, tramite kuntatt mal-awtorita` regolatrici, x'setghet u x'ma setghetx ixxandar u dan qabel ma xxandar dak li riedet hi.

Il-fatt li agenti tal-kumpaniji esteri tad-diski kienu huma stess jaghtu b'xejn id-diski lis-socjeta` konvenuta biex din iddoqqhom u jirreklamaw l-opra in partikolari, ma jezentax lis-socjeta` konvenuta milli takkwista l-licenzja mehtiega biex skont il-ligi ta' Malta tkun tista' xxandar ghall-pubbliku l-istess xoghol (ara f'dan is-sens, il-kawza **Dingli noe v. Hunt**, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Jannar, 1992). Difiza fis-sens li l-istazzjon tar-radju mmexxi mis-socjeta` konvenuta huwa stazzjon ta' informazzjoni u mhux stazzjon muzikali b'xejra ta' divertiment giet michuda espressament mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili f'kawza simili u essenzjalment bejn l-istess partijiet fl-ismijiet **Dingli noe v. Rainbow Production Ltd. et**, deciza fl-10 ta' Gunju, 2005, li ghaddiet in gudikat. Din il-Qorti taqbel mad-decizjoni milhuqa minn dik il-Qorti f'dik il-kawza, u tara li, fil-fatt, eccezzjoni simili ma hijiex misthoqqa, ghax bhala fatt indaqqu diski tutelati, u l-licenzja kellha tithallas anke jekk il-qliegh li jsir minn tali uzu jista' jkun minimu.

Hu interessanti li, f'dik il-kawza, il-Qorti kienet ukoll konvinta li s-socjeta` attrici hija s-sid tad-drittijiet tal-awtur dwar il-muzika li ndaqqet mill-istess stazzjon f'perjodu precedenti, u li ladarba x-xoghol muzikali li ndaqq kien igawdi tali dritt tal-awtur, wahedha ssegwi l-htiega tal-ksib ta' licenza ghal trasmissjoni jew xandir bhal dak. Il-provi li tressqu f'dik il-kawza huma, bejn wiehed u iehor, simili ghal dawk prodotti f'din il-kawza, u din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, hi konvinta li s-socjeta` attrici ppruvat it-tezi taghha u cioe`, li l-"broadcasting right" tax-xoghlijiet muzikali in kwistjoni gie assenjat lis-socjeta` attrici u, bhala proprjetarja ta' dak id-dritt, tgawdi id-dritt esklussiv li tipprojbixxi l-ghemil f'Malta ta' kull att tax-xandir fir-rigward ta' dawk l-istess xoghlijiet.

Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju fuq il-quantum tad-danni, is-socjeta` attrici qed titlob is-somma ta' €50,960, li jirrizultaw skont hi minn tariffa applikabbli. Din it-tariffa, pero`, inharget mis-socjeta` estera, u kif ammetta ufficjal

tas-socjeta` Maltija "*il-Bord lokali tal-Copyright fl-ebda hin ma approva dawn it-tariffi*". Id-danni, fin-nuqqas ta' disposizzjoni ad hoc, iridu jinhaddmu skont il-Kodici Civili, li jrid li d-dannu jirrifletti t-telf effettiv li l-ghemil ikun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara (Artikolu 1045 tal-Kodici Civili). Is-socjeta` attrici trid danni a bazi ta' rata ta' 3% tal-broadcasting revenue, rata li giet accettata minn din il-Qorti fil-kawza **Dingli Co. International ltd noe v. Smash Communications Ltd.**, deciza fit-30 ta' Novembru, 1998; hawnhekk, pero`, ghandna l-prova, li t-tariffa a bazi tal-broadcasting revenue qatt ma giet approvata mill-awtoritajiet kompetenti lokali. Id-danni jridu jigu kkalkolati fil-kuntest Malti, u dak li jista' jkun jghodd ghall-esteru mhux necessarjament ikun jghodd ghall-pajjizna. Id-danni jirrapprezentaw telf ta' "royalties", u bhala fatt gie muri li kien hemm telf f'dan is-sens, ghalkemm, ma sarux provi precizi dwar it-telf subit u anqas jirrizulta li l-Bord Lokali tal-Copyright stabbilixxa xi tariffi applikabbli.

Il-Qorti tara li, fic-cirkostanzi, tista' tipprovdi arbitrio boni viri u tqis li kumpens ta' €7000 jirifletti b'mod aktar gust il-hsara li saret fil-kuntest ta' Malta.

Fir-rigward tal-ahhar aggravju marbut mal-ordni ta' inibizzjoni, din il-kwistjoni giet trattata minn din il-Qorti fil-kawza msemmija **Dingli Co. International ltd noe v. Smash Communications Ltd.**, fejn l-istess aggravju gie michud wara li l-Qorti rregistrat dan il-hsieb:
"Finalment is-socjeta` appellanti hassitha aggravata bil-parti konklussiva tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti qalet hekk: "tinibixxi lis-socjeta` konvenuta milli xxandar jew iggieghel lil hadd iehor ixandar dawk ix-xoghlijiet kollha tutelati u kkontrollati mis-socjeta` attrici u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet l-hrug tal-licenzja relattiva minghand is-socjeta` attrici." F'dan ir-rigward qed jigi sottomess li din il-projbizzjoni taghmilha impossibbli ghas-socjeta` konvenuta ixxandar, anke muzika li mhux koperta bid-drittijiet tal-awtur u ta' interess ghas-socjeta` attrici, liema dritt gie moghti lilha mill-awtoritajiet kompetenti.

"Kif sewwa gie osservat fir-risposta tas-socjeta` appellata kwalunkwe licenzja moghtija mill-Awtoritajiet lis-socjeta` appellanti ma taghtix lil dik is-socjeta` d-dritt li, a skapitu ta' terzi persuni interessati, xxandar muzika koperta bid-drittijiet tal-awtur. Inoltre jinghad li s-socjeta` appellanti ma gabet ebda prova ta' liema muzika qed tirreferi ghaliha, u fi kwalunkwe kaz is-socjeta` attrici hija l-unika enti f'Malta kompetenti li tikkoncedi licenzji u dan in vista tal-assenjazzjonijiet u licenzji moghtija lilha mis-socjetajiet affiljat. Kull ma qed jinghad fis-sentenza hu li s-socjeta` konvenuta ma tkunx tista' xxandar xoghlijiet tutelati u kkontrollati mis-socjeta` attrici kontra l-ligi – haga li s-socjeta` attrici hija pjenament fid-dritt taghha li tassigura li ma jsirx qabel ma tigi ottenuta licenzja skont il-ligi. Dan l-aggravju, ghalhekk, ukoll jidher mhux gustifikat."

Dan is-simili aggravju qieghed anke hawn, jigi michud ghall-istess ragunijiet.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell imressaq mis-socjeta` konvenuta One Productions Ltd. billi tilqa' l-istess biss in parte, fis-sens li tichad l-appell in kwantu dirett kontra s-sentenza tat-3 ta' Ottubru, 2008, u allura tikkonferma dik is-sentenza, izda tirriforma s-sentenza tal-15 ta' Lulju, 2010, fis-sens biss li tillikwida d-danni fl-ammont ta' €7000 (flok il-€50,960 likwidat mill-ewwel Qorti) u tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjes tal-kawza marbuta mas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-3 ta' Ottubru, 2008, jithallsu mis-socjeta` konvenuta One Productions Ltd., filwaqt li l-ispejjez marbuta mas-sentenza tal-ewwel Qorti tal-15 ta' Lulju, 2010, u ma' din is-sentenza ta' din il-Qorti jithallsu bin-nofs bejn il-partijiiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------